

RAKKOMANDAZZJONIJIET

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/243

tas-6 ta' Frar 2019

dwar format tal-iskambju tar-Rekords Elettroniċi tas-Saħħa Ewropej

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) Iċ-ċittadini għandhom id-dritt jaċċessaw id-data personali tagħhom, inkluż id-data dwar is-saħħa tagħhom kif previst mir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ipproċessar legali tad-data personali, inkluż id-data dwar is-saħħa, kif definita fih ⁽²⁾ (id-data dwar is-saħħa). Iżda l-maġġoranza taċ-ċittadini għadhom la jistgħu jaċċessaw id-data dwar is-saħħa tagħhom minn pajjiż ieħor (u lanqas jistgħu jiskambjawha b'mod sigur).
- (2) Jekk iċ-ċittadini u l-fornituri tal-kura tas-saħħa jkunu jistgħu jaċċessaw u jiskambjaw b'mod sigur ir-rekords elettroniċi tas-saħħa (l-EHRs), jiġifieri l-ġabriet tar-rekords mediċi lonġitudinali jew ta' dokumentazzjoni simili dwar individwu, b'format diġitali, fil-pajjiż u bejn il-fruntieri tal-pajjiżi, dan ikollu diversi benefiċċji: titjeb il-kwalità tal-kura għaċ-ċittadini, tonqos l-ispiża tal-kura tas-saħħa għall-unitajiet domestiċi, u titwieżen il-modernizzazzjoni tas-sistemi tas-saħħa fl-Unjoni li qed iġarrbu pressjoni minħabba bidliet demografiċi, aspettattivi akbar u l-ispejjeż tat-trattament. Ngħidu aħna, il-kondiviżjoni tar-riżultati tat-testijiet tad-demm b'format diġitali bejn it-timijiet kliniċi tevita r-ripetizzjoni ta' testijiet invażivi u għaljin fuq l-istess persuna. Bl-istess mod, jekk il-pazjenti jkollhom b'żonn iżuru professjonisti tas-saħħa differenti, il-kondiviżjoni tar-rekords elettroniċi tas-saħħa tista' tevita ripetizzjoni tal-istess informazzjoni dwar l-istorja medika tagħhom, u dan jiffranka bosta ħin għall-partijiet kollha involuti u jtejjeb il-kwalità tal-kura.
- (3) L-aċċess u l-kondiviżjoni siguri tar-rekords tas-saħħa fost il-pajjiżi fl-Unjoni jiffaċilitaw il-ħajja taċ-ċittadini f'bosta sitwazzjonijiet transfruntieri, fosthom lil ċittadini u l-familjari tagħhom, li bħalissa qed jgħixu fi Stat Membru ieħor għal skopijiet ta' xogħol jew lil persuni rtirati li qed jgħixu f'pajjiż ieħor, biex dawn ikunu jistgħu jaċċessaw ir-rekords tas-saħħa tagħhom mill-Istati Membri fejn ikunu joqogħdu. Dan se jtejjeb ukoll il-kwalità tal-kura liċ-ċittadini li jkunu jeħtieġu trattament mediku meta jkunu qed jivvjaġġaw fl-Unjoni jew bħala parti minn ftehim transfruntier. Kull sena jkun hemm iżjed minn żewġ miljun każ irreġistrat fejn ċittadin li jgħix fi Stat Membru partikolari jfittex kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor ⁽³⁾. Barra minn hekk, fil-futur, dan jista' jintrabat b'mod utli ma' inizjattivi tal-UE fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.
- (4) Hu mistenni li fil-futur, il-bżonnijiet tal-kura tas-saħħa jibqgħu jiżdiedu għax il-popolazzjoni qed tixxjeh, qed tiżdied il-prevalenza ta' kundizzjonijiet kroniċi u qed tikber id-domanda għal kura fit-tul. Dawn tixxidhom in-nefqa fuq is-saħħa li fl-2017 b'kollox kienet tammonta għal 9,6 % tal-PDG fl-Unjoni, jiġifieri żieda minn 8,8 % fl-2008 ⁽⁴⁾. B'mod simili, evidenza minn diversi pajjiżi turi li sa 20 % tan-nefqa fuq il-kura tas-saħħa huma ħela, pereżempju għax il-pazjenti jsirulhom testijiet jew trattamenti mhux meħtieġa, jew minħabba ammissjonijiet fl-isptarijiet li setgħu jiġu evitati.
- (5) It-teknoloġiji diġitali huma soluzzjonijiet b'saħħithom biex jiġu indirizzati daww il-kwistjonijiet u biex is-sistemi tas-saħħa jkunu jifilħu għall-isfidi tal-ġejjieni. Eżempju, jenħtieġ li bis-soluzzjonijiet diġitali li tipprovdli l-kombinazzjoni ta' apps tas-saħħa, jew tagħmir ta' jintlibes, flimkien ma' sistema li biha ċ-ċittadini jkunu jistgħu jaċċessaw b'mod sigur id-data dwar is-saħħa tagħhom stess, il-pazjenti li jkollhom xi kundizzjoni kronika,

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁽²⁾ L-Artikolu 4(15) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

⁽³⁾ Permezz tal-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea jew skont id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45).

⁽⁴⁾ "Health at a Glance: Europe 2018 — State of Health in the EU Cycle" https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/state/docs/2018_healthatglance_rep_en.pdf

bħad-dijabete jew il-kanċer, ikunu jistgħu jimmonitorjaw is-sintomi tagħhom stess minn djarhom u jiskambjawhom malajr mat-timijiet kliniċi tagħhom. Dan jenħtieġ innaqqas in-numru ta' żjarat fil-faċilitajiet tas-saħħa għall-monitoraġġ. It-teknoloġiji diġitali jistgħu jgħinu wkoll biex jindunaw minn kmieni bil-bżonn għal bidla fit-trattamenti, u b'hekk jonqsu l-ammissjonijiet fl-isptarijiet minħabba kumplikazzjonijiet. Jenħtieġ li b'għestjoni aħjar tal-kundizzjonijiet kroniċi fil-komunità, u bi tnaqqis fid-duplikazzjoni tal-azzjonijiet tal-kura tas-saħħa (bħat-testijiet), mhux biss is-sistemi jsiru aktar sostenibbli iżda titjieb ukoll il-kwalità ġenerali tal-ħajja, il-kwalità tal-kura tas-saħħa provduta liċ-ċittadini, jonqsu l-ispejjeż assoċjati mal-kura tas-saħħa għall-individwi u għall-unitajiet domestiċi.

- (6) Il-Kunsill appella regolarment lill-Istati Membri biex isaħħu l-implimentazzjoni tal-istrateġiji diġitali tas-saħħa tagħhom. B'mod partikolari, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Saħħa fis-Soċjeta' Diġitali adottati fit-8 ta' Diċembru 2017 ⁽⁵⁾ jisħqu fuq il-bżonn li l-Istati Membri jżidu l-interoperabbiltà tas-sistemi elettroniċi tas-saħħa tagħhom biex iċ-ċittadini jkollhom aktar kontroll fuq id-*data* tas-saħħa tagħhom.
- (7) Biex tappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa u l-kura, il-Kummissjoni adottat il-*"Komunikazzjoni dwar l-iffaċilitar tat-trasformazzjoni diġitali tal-kura u tas-saħħa fis-Suq Uniku Diġitali: l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini u l-bini ta' soċjeta' aktar b'saħħitha"* ⁽⁶⁾. B'dik il-Komunikazzjoni, l-oġġettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni *"Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa"*, adottata fis-6 ta' Mejju 2015 ⁽⁷⁾, u fil-Komunikazzjoni *"Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku – Inħaffu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika"*, adottata fid-19 ta' April 2016 ⁽⁸⁾, jiġu adattati għas-settur tas-saħħa. Din tindirizza t-tħassib li ssemma fil-Komunikazzjoni dwar ir-Reviżjoni Nofsana dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, *"Suq Uniku Diġitali Konness għal kulħadd"* ⁽⁹⁾ fejn jidħol il-fatt li l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali għas-saħħa u l-kura għadha ma qabditx sew u tvarja ferm bejn l-Istati Membri u r-reġjuni.
- (8) Id-diġitalizzazzjoni tar-rekords tas-saħħa, u t-twaqqif ta' sistemi li jippermettu liċ-ċittadini jaċċessawhom b'mod sigur u jiskambjawhom b'mod sigur bejn atturi differenti fis-sistema tas-saħħa (pazjenti, it-timijiet kliniċi tagħhom fil-komunità u l-faċilitajiet tal-isptar) huma pass importanti lejn l-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali fl-approċċi tas-saħħa u tal-kura. Dik l-integrazzjoni teħtieġ li r-rekords elettroniċi tas-saħħa jkunu interoperabbli madwar l-Unjoni, għax bħalissa ħafna mill-formati u mill-standards fis-sistemi tar-rekords elettroniċi tas-saħħa — li huma sistemi tal-informazzjoni għar-reġistrar, il-kisba u l-għestjoni tar-rekords elettroniċi tas-saħħa — użati madwar l-Unjoni mhumiex kompatibbli.
- (9) Jenħtieġ li t-teknoloġiji l-ġodda għas-saħħa jkunu jappoġġaw liċ-ċittadini biex isiru aġenti attivi tul it-traġitt tas-saħħa tagħhom. Għaldaqstant, jenħtieġ li meta jkunu qed jifasslu s-sistemi tal-informazzjoni dwar is-saħħa jitqiesu l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tal-pazjenti, anki meta jkun hemm sforz biex daww is-sistemi jsiru aktar aċċessibbli għall-utenti, b'mod partikolari għall-persuni b'diżabbiltajiet, skont ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁰⁾, meta applikabbli.
- (10) Fejn jidħlu r-rekords elettroniċi tas-saħħa, l-interoperabbiltà għandha l-għan li tippermetti l-ipproċessar tal-informazzjoni b'mod konsistenti fost daww is-sistemi tal-informazzjoni dwar is-saħħa, irrispettivament mit-teknoloġija, l-applikazzjoni jew il-pjattaforma tagħhom biex l-informazzjoni tkun tista' tiġi interpretata sew mir-riċevitur.
- (11) In-nuqqas ta' interoperabbiltà fejn jidħlu r-rekords elettroniċi tas-saħħa jwassal għal frammentazzjoni u għal tnaqqis fil-kwalità tal-forniment transfruntier tal-kura tas-saħħa. Il-Kummissjoni diġà identifikat profili speċifiċi ta' *"Integrating the Healthcare Enterprise"* (IHE) li hemm imniżżla fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1302, ⁽¹¹⁾ ⁽¹²⁾ bil-potenzjal li jżidu l-interoperabbiltà tas-servizzi u l-applikazzjonijiet tas-saħħa elektronika għall-benefiċċju taċ-ċittadini u tal-komunità ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa u biex ikunu eliġibbli għar-referenzjar fl-akkwist pubbliku. Daww il-profilu jipprovdu speċifikazzjonijiet dettaljati għas-saffi differenti tal-interoperabbiltà. Uħud minn daww il-profilu diġà jintużaw biex jiġu indirizzati rekwiżiti kummerċjali speċifiċi fl-Infrastruttura Ewropea ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa Elettronika (*"eHDSI"*).
- (12) L-ogħla standards possibbli għas-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data* huma vitali għall-iżvilupp u l-iskambju ta' rekords elettroniċi tas-saħħa. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jeżiġi li d-*data* tal-pazjenti tiġi

⁽⁵⁾ 2017/C 440/05.

⁽⁶⁾ COM(2018) 233 final.

⁽⁷⁾ COM(2015) 192 final.

⁽⁸⁾ COM(2016) 179 final.

⁽⁹⁾ COM(2017) 228 final.

⁽¹⁰⁾ Id-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1) (Direttiva tal-Aċċessibbiltà għall-Internet).

⁽¹¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1302 tat-28 ta' Lulju 2015 dwar l-identifikazzjoni tal-profilu tal-*"Integrating the Healthcare Enterprise"* għar-referenzjar fl-akkwist pubbliku (ĠU L 199, 29.7.2015, p. 43).

⁽¹²⁾ <https://www.ihe.net/> u <https://www.ihe-europe.net/>

protetta u tkun sigura kif xieraq biex ikunu żgurati l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tagħha. Minħabba f'hekk, is-sistemi jridu jkunu siguri, sikuri, affidabbli u jintegraw il-protezzjoni tad-*data* fid-disinn tagħhom u b'mod prestabbilit. Dan jista' jissejjes fuq serje ta' soluzzjonijiet diġitali u approċċi komuni għall-gvernijiet u l-istituzzjonijiet li jkunu mifruxa mal-UE kollha.

- (13) Jenħtieġ li l-użu tal-mezzi elettroniċi siguri ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni li hemm previsti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹³⁾ (eIDAS) itejjeb l-aċċess, is-sigurtà u l-fiduċja fis-sistemi tar-rekords elettroniċi tas-saħħa. Dak ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom iċ-ċittadini jistgħu jużaw il-mezzi elettroniċi ta' identifikazzjoni rikonoxxuti, li jaqgħu taħt skema ta' identifikazzjoni elektronika notifikata ta' Stat Membru, biex jiksibu aċċess għal servizzi pubbliċi online meta jkunu barra minn pajjiżhom, inkluż aċċess għal servizzi tas-saħħa u *data* dwar is-saħħa. Dan jistabbilixxi wkoll regoli għal servizzi fiduċjarji bħal firem elettroniċi, siġilli elettroniċi u servizzi elettroniċi ta' konsenja rreġistrata, biex id-*data* tas-saħħa tiġi mmaniġġata u skambjata b'mod sigur billi jitnaqqas ir-riskju ta' manipulazzjoni u użu ħażin possibbli.
- (14) B'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁴⁾, il-fornituri tal-kura tas-saħħa, li huma identifikati bħala operatori ta' servizzi essenzjali mill-Istati Membri, u l-fornituri tas-servizzi diġitali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, huma meħtieġa jieħdu miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa u proporzjonati biex jimmaniġġaw ir-riskji għas-sigurtà tan-netwerk u tas-sistemi tal-informazzjoni użati fl-oferazzjonijiet tagħhom għall-forniment tas-servizzi. Barra minn hekk, dawn jeħtieġ jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew lill-Iskwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRTs) nazzjonali dwar l-inċidenti tas-sigurtà li għandhom impatt sinifikanti jew sostanzjali fuq il-kontinwità tas-servizzi li jipprovdu. B'mod partikolari fir-rigward taċ-ċibersigurtà tas-sistemi tar-rekords elettroniċi tas-saħħa, iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tista' tippermetti li jintwera li r-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà huma ssodisfati, skont il-qafas rilevanti taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni ⁽¹⁵⁾.
- (15) L-Istati Membri hađu passi importanti biex irawmu l-interoperabbiltà bl-appoġġ tal-Kummissjoni, permezz ta' attivitajiet tan-Netwerk tas-Servizzi tas-Saħħa Elettroniċi stabbilit skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2011/24/UE. L-għan ewlieni tan-Netwerk tas-Servizzi tas-Saħħa Elettroniċi hu li jappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi, servizzi u applikazzjonijiet interoperabbli tas-saħħa elettronika li jkunu sostenibbli, jiffaċilita l-koperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni fost l-Istati Membri, itejjeb il-kontinwità tal-kura u jiżgura l-aċċess għal kura tas-saħħa sikura u ta' kwalità għolja. Għaldaqstant, dan jaqdi rwol kruċjali għall-interoperabbiltà tar-rekords elettroniċi tas-saħħa.
- (16) B'mod partikolari, biex tiġi ffaċilitata l-interoperabbiltà tas-sistemi Ewropej tas-saħħa elettronika, għadd ta' Stati Membri li qed jipparteċipaw fin-Netwerk tas-Servizzi tas-Saħħa Elettroniċi hađmu mal-Kummissjoni biex jibnu l-Infrastruttura Ewropea ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa Elettronika, bl-appoġġ tal-Programm tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) ⁽¹⁶⁾. Fi wħud minn daww l-Istati Membri beda l-iskambju ta' "preskrizzjonijiet elettroniċi" fost il-professionisti tal-kura tas-saħħa f'pajjiżi differenti permezz tal-Infrastruttura Ewropea ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa Elettronika, filwaqt li l-iskambju ta' "Sommarji tal-Pazjenti" hu mistenni jibda daqt. Jenħtieġ li t-titjib tal-interoperabbiltà tar-rekords elettroniċi tas-saħħa jgħin biex jitwessgħu s-settijiet tad-*data* li qed jiġu skambjati bħalissa fi hđan l-Infrastruttura Ewropea ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa Elettronika ħalli jkunu jinkludu informazzjoni siewja rigward riżultati tal-laboratorju, immaġnijiet u rapporti mediċi, u rapporti ta' ħruġ mill-isptar, li se jtejbju l-kontinwità tal-kura. Għadd ta' għodod żviluppati għall-Infrastruttura Ewropea ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa Elettronika huma riżorsa għall-Istati Membri biex jiskambjaw ir-rekords elettroniċi tas-saħħa.
- (17) Fil-kuntast tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa, in-Netwerk tas-Servizzi tas-Saħħa Elettroniċi jaqdi rwol siewi biex jiġi żviluppat aktar il-format tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa Ewropej, billi jużah għall-Infrastruttura Ewropea ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa Elettronika u jippromwovi l-użu tiegħu għall-iskambji bejn il-fornituri tal-kura tas-saħħa fil-livell nazzjonali.
- (18) Id-diġitalizzazzjoni tar-rekords tas-saħħa u l-permessibbiltà tal-iskambju tagħhom jistgħu jappoġġaw ukoll il-ħolqien ta' strutturi kbar tad-*data* dwar is-saħħa li meta kkombinati mal-użu ta' teknoloġiji ġodda, bħall-analitika tal-Big Data u l-intelliġenza artifiċjali jistgħu jappoġġaw it-tiftix għal skoperti xjentifiċi ġodda.
- (19) L-ispeċifikazzjonijiet nazzjonali eżistenti għas-sistemi tar-rekords elettroniċi tas-saħħa jistgħu jibqgħu japplikaw b'mod parallell ma' format tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa Ewropej,

⁽¹³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elektronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

⁽¹⁴⁾ Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

⁽¹⁵⁾ Ara l-Komunikazzjoni Konġunta dwar ir-Reżiljenza, id-Deterrenza u d-Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE, punt 2.2 (JOIN (2017) 450 final).

⁽¹⁶⁾ <https://ec.europa.eu/cefdigital/wiki/display/EHOPERATIONS/eHealth+DSI+Operations+Home>

ADOPTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

OBJETTIVI

- (1) Din ir-Rakkomandazzjoni tistabbilixxi qafas għall-iżvilupp ta' format tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa Ewropej biex jinkiseb aċċess sigur, interoperabbli u transfruntier għal *data* dwar is-saħħa elektronika fl-Unjoni u għall-iskambju tagħha.

Il-qafas jinkludi:

- (a) sett ta' prinċipji li jenħtieġ jirregolaw l-aċċess għar-rekords elettroniċi tas-saħħa u l-iskambju tagħhom bejn il-pajjiżi fl-Unjoni;
- (b) sett ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għall-iskambju transfruntier tad-*data* f'ċerti dominji tal-informazzjoni dwar is-saħħa, li jenħtieġ jikkostitwixxi l-linja bażi għal format tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa Ewropej;
- (c) proċess li jmessi 'l quddiem aktar elaborazzjoni ta' format tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa Ewropej.

Dan jinkoraġġixxi wkoll lill-Istati Membri biex jiżguraw aċċess sigur għal sistemi tar-rekords elettroniċi tas-saħħa fil-livell nazzjonali.

SISTEMI TAR-REKORDS ELETTRONIĊI TAS-SAĦĦA FL-ISTATI MEMBRI

Niżguraw aċċess sigur għas-sistemi tar-rekords elettroniċi tas-saħħa

- (2) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li s-sistemi tar-rekords elettroniċi tas-saħħa jissodisfaw standards għoljin għall-protezzjoni tad-*data* dwar is-saħħa, u s-sigurtà tan-netwerk u tas-sistemi tal-informazzjoni li fuqhom jiddependu dawn is-sistemi tar-rekords elettroniċi tas-saħħa, biex ikun evitat ksur tad-*data* u jitnaqqsu r-riskji ta' inċidenti tas-sigurtà.
- (3) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li ċ-ċittadini u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa tagħhom ikollhom aċċess online għar-rekords elettroniċi tas-saħħa tagħhom bl-użu ta' mezzi tal-identifikazzjoni elettroniċi siguri, filwaqt li jqisu l-qafas għas-sigurtà u l-fiducia stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 910/2014.

Għodod u inċentivi

- (4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw l-għodod u l-elementi ewlenin ipprovduti mill-Infrastruttura Ewropea ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa Elettronika appoġġati permezz tal-Programm tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) u jirreferu għall-Qafas Irfinat dwar l-Interoperabbiltà Ewropea tas-Saħħa Elettronika ⁽¹⁷⁾ fil-qafas komuni għall-ġestjoni tal-interoperabbiltà fid-dominju tas-saħħa elettronika.
- (5) Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jappoġġaw l-użu ta' sistemi interoperabbli tar-rekords elettroniċi tas-saħħa, fosthom li jingraw investimenti finanzjarji dedikati, inkluż mekkaniżmi ta' inċentivi, u jadattaw il-leġislazzjoni meta xieraq.

Networks diġitali tas-saħħa nazzjonali

- (6) Biex jitjiebu l-interoperabbiltà u s-sigurtà tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali u jiġi appoġġat l-iskambju sigur tad-*data* dwar is-saħħa bejn il-pajjiżi, kull Stat Membru jenħtieġ jistabbilixxi netwerk diġitali tas-saħħa nazzjonali li jinvolti rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti u, meta xieraq, tal-awtoritajiet reġjonali li jitrattaw materji tas-saħħa diġitali u l-interoperabbiltà tar-rekords elettroniċi tas-saħħa, u s-sigurtà tan-netwerk u tas-sistemi tal-informazzjoni, u l-protezzjoni tad-*data* personali. B'mod partikolari, jenħtieġ li n-networks diġitali tas-saħħa nazzjonali jkunu jinvolve dawn li ġejjin:
- (a) ir-rappreżentant nazzjonali tan-Netwerk tas-Servizzi tas-Saħħa Elettroniċi;
 - (b) awtoritajiet nazzjonali, jew reġjonali, b'kompetenza klinika u teknika għal materji tas-saħħa diġitali;
 - (c) awtoritajiet superviżorji stabbiliti skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2016/679;
 - (d) awtoritajiet kompetenti mwaqqfin skont id-Direttiva (UE) 2016/1148.
- (7) Jenħtieġ li r-riżultati tad-diskussjonijiet jew tal-konsultazzjonijiet tan-networks diġitali tas-saħħa nazzjonali jingħaddu lin-Netwerk tas-Servizzi tas-Saħħa Elettroniċi u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁷⁾ https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/ehealth/docs/ev_20151123_co03_en.pdf

QAFAS GĦALL-ISKAMBJU TRANSFRONTIER TAR-REKORDS ELETTRONIĊI TAS-SAĦĦA**Prinċipji għall-aċċess għar-rekords elettroniċi tas-saħħa u għall-iskambju transfruntier tagħhom**

- (8) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jaċċessaw u jiskambjaw b'mod sigur id-*data* tas-saħħa elektronika tagħhom bejn il-pajjiżi.
- (9) L-Istati Membri huma mħeġġa biex liċ-ċittadini jagħtuhom l-abbiltà li jagħżlu lil min iridu jagħtu aċċess għad-*data* tas-saħħa elektronika tagħhom, u ma' min jiġu skambjati dettalji dwar l-informazzjoni tas-saħħa.
- (10) L-Istati Membri jenħtieġ jiżguraw li jiġu osservati l-prinċipji stabbiliti fl-Anness meta jkunu qed jiġu żviluppati soluzzjonijiet li jippermettu l-aċċess għad-*data* tas-saħħa elektronika fl-Unjoni, u l-iskambju tagħha.

Bażi għal format tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa Ewropej

- (11) L-Istati Membri jenħtieġ jieħdu miżuri biex jiżguraw li dawn id-dominji tal-informazzjoni tas-saħħa li ġejjin, bħala bażi, ikunu parti mill-format tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa Ewropej:
 - (a) Sommarju tal-Pazjent;
 - (b) Preskrizzjoni elektronika/Dispensa elektronika;
 - (c) Riżultati tal-laboratorju;
 - (d) Immaġnijiet u rapporti mediċi;
 - (e) Rapporti ta' ħruġ mill-isptar.

L-iskambju transfruntier tal-informazzjoni jenħtieġ isir skont l-istandards bażi, l-ispeċifikazzjonijiet tal-interoperabbiltà u l-profil, abbażi tad-dominju tal-informazzjoni tas-saħħa kif stabbilit fl-Anness.

Aktar elaborazzjoni ta' format tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa Ewropej

- (12) Jenħtieġ li l-Istati Membri, fil-kuntest tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2011/24/UE u b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, jappoġġaw elaborazzjoni aktar tal-bażi rakkomandata tad-dominji tal-informazzjoni tas-saħħa u l-ispeċifikazzjonijiet għal format tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa Ewropej, permezz ta' proċess ta' koordinazzjoni konġunta.
- (13) B'dan il-proċess, l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jenħtieġ jagħmlu diskussjonijiet u jikkoperaw fil-livell tal-Unjoni mal-partijiet konċernati rilevanti, inkluż ma' organizzazzjonijiet ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa, ċentri ta' kompetenza nazzjonali, atturi mill-industrija u gruppi ta' pazjenti, kif ukoll ma' awtoritajiet oħra tal-Unjoni u nazzjonali b'kompetenza fl-oqsma rilevanti biex jinkoraġġixxu proċess iterattiv għal aktar elaborazzjoni u adożzjoni ta' format tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa Ewropej, u biex jikkontribwixxu għalih. B'mod partikolari, fil-ħidma rigward speċifikazzjonijiet tekniċi u semantiċi għall-iskambju transfruntier tad-*data* dwar is-saħħa, jenħtieġ ikunu involuti esperti kliniċi u tekniċi. Ir-riżultati ta' dawn id-diskussjonijiet u l-konsultazzjonijiet jenħtieġ jingħaddu lin-Netwerk tas-Servizzi tas-Saħħa Elettroniċi.
- (14) Jenħtieġ li l-proċess ta' koordinazzjoni konġunta jikseb aċċess għal għarfien disponibbli f'ċentri ta' kompetenza nazzjonali ħalli jkunu jistgħu jingħarfu l-kunċetti mediċi rilevanti għal kull kuntest speċifiku.
- (15) Il-proċess ta' koordinazzjoni konġunta jenħtieġ jipproponi approċċi li kull Stat Membru jista' jappoġġa, filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħmlu progress lejn l-interoperabbiltà tar-rekords elettroniċi tas-saħħa b'pass aktar mgħaġġel.
- (16) Il-proċess ta' koordinazzjoni konġunta jenħtieġ jissejjes fuq inizjattivi eżistenti tan-Netwerk tas-Servizzi tas-Saħħa Elettroniċi bħat-taskforce għall-Istrateġija Semantika Komuni, u jinkorpora r-riżultati tagħhom.

- (17) L-Istati Membri, fil-kuntest tan-Netwerk tas-Servizzi tas-Saħħa Elettroniċi, jenħtieġ jikkoperaw mal-Kummissjoni u ma' partijiet konċernati rilevanti oħrajn biex jistabbilixxu linji gwida prattiċi għall-implimentazzjoni, jiskambjaw prattiki tajbin u jippromwovu azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini u l-fornituri tal-kura tas-saħħa b'rabta mal-benefiċċji tal-aċċess għar-rekords elettroniċi tas-saħħa u l-iskambju tagħhom, bejn il-pajjiżi. Jenħtieġ li l-proġetti pilota, inkluż l-azzjonijiet tar-riċerka, tal-innovazzjoni jew tal-adozzjoni, fosthom dawk appoġġati bil-Programmi ta' Orizzont 2020 ⁽¹⁸⁾ u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, meta rilevanti, jintużaw biex jadvanzaw l-interoperabbiltà u jżidu s-sensibilizzazzjoni.

MONITORAĠĠ U ŻVILUPPI FUTURI

Monitoraġġ tal-progress lejn l-interoperabbiltà

- (18) L-Istati Membri, fil-kuntest tan-Netwerk tas-Servizzi tas-Saħħa Elettroniċi u b'koperazzjoni mal-Kummissjoni, jenħtieġ isegwu l-progress fl-interoperabbiltà abbażi ta' pjan direzzjonali komuni rivedut kull sena, li jidentifika prijoritajiet, kompiti, riżultati tanġibbli u tappi importanti komuni.

Għal dak il-għan jenħtieġ li kull sena, l-Istati Membri:

- (a) jiskambjaw informazzjoni dwar il-miżuri li haġu biex jappoġġaw l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-format tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa Ewropej;
 - (b) jidentifikaw prijoritajiet u sinerġiji komuni ma' strateġiji nazzjonali biex itejbu l-iskambju transfruntier tar-rekords elettroniċi tas-saħħa.
- (19) L-elementi msemmija fil-punti 18(a) u (b) jenħtieġ jitqiesu meta jkun qegħ jgħu vvalutati l-passi li jmiss għall-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa madwar l-Unjoni.

Ħidma fil-ġejjieni

- (20) L-Istati Membri jenħtieġ jaħdmu mal-Kummissjoni u mal-partijiet konċernati rilevanti biex jidentifikaw u jirrieżaminaw innovazzjoni teknoloġika u metodoloġika emerġenti u jidentifikaw passi xierqa biex jinkiseb progress fejn jidħol l-iskambju fit-tul tar-rekords elettroniċi tas-saħħa.

Valutazzjoni tal-effetti tar-Rakkomandazzjoni

- (21) L-Istati Membri jenħtieġ jikkoperaw mal-Kummissjoni biex jgħarblu l-effetti ta' din ir-Rakkomandazzjoni filwaqt li jqisu l-esperjenza tagħhom u kwalunkwe żviluppi teknoloġiċi rilevanti ħalli jiddeterminaw passi xierqa 'l quddiem.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni

Mariya GABRIEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁸⁾ <https://ec.europa.eu/programmes/horizon2020/en/>

ANNEX

1. **Prinċipji**(a) *Disinn li jiffoka fuq iċ-ċittadini*

Jenħtieġ li iċ-ċittadini jkunu fil-qalba nett tad-disinn tas-sistemi. Sistemi bħal dawn għandhom jiġu ddisinjati b'mod li bid-disinn tagħhom u b'mod prestabbilit ikunu jimplimentaw il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data*, u b'hekk ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

(b) *Il-komprensività u l-possibbiltà li jinqraw mill-magni*

Jenħtieġ li r-rekords elettroniċi tas-saħħa jkunu kemm jista' jkun komprensivi biex jappoġġaw lis-servizzi tas-saħħa u tal-kura madwar l-Unjoni.

Id-*data* dwar is-saħħa introdotta fir-rekords elettroniċi tas-saħħa jenħtieġ tkun tista' tingara mill-magni sal-punt meħtieġ mill-użu mill-ġdid intenzjonat raġonevoli ta' dik id-*data*. L-informazzjoni jenħtieġ tkun strutturata u kodifikata bl-aktar mod Prattiku possibbli, ħalli d-*data* dwar is-saħħa tkun interoperabbli, anki bejn il-pajjiżi.

(c) *Il-protezzjoni tad-*data* u l-kunfidenzjalità*

Is-sistemi tar-rekords elettroniċi tas-saħħa u s-soluzzjonijiet tal-interoperabbiltà jenħtieġ jiggarantixxu l-kunfidenzjalità tad-*data* personali dwar-is-saħħa u jikkonformaw mal-aspetti kollha tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, mill-istadju tad-disinn 'il quddiem.

Id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali jenħtieġ jiġi implimentat għalkollox u b'mod effettiv, b'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, inkluż id-dritt għal informazzjoni trasparenti, id-dritt għal aċċess u drittijiet rilevanti oħra mniżżla fil-Kapitolu III. B'mod partikolari, iċ-ċittadini jenħtieġ ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jaċċessaw id-*data* dwar is-saħħa tagħhom billi jkollhom aċċess għar-rekords elettroniċi tas-saħħa tagħhom, inkluż f'pajjiżi oħra.

(d) *Il-kunsens jew bażijiet legali oħra*

Kull ipproċessar ⁽¹⁾ tad-*data* dwar is-saħħa jenħtieġ isir abbażi tal-kunsens espliċitu taċ-ċittadin ikkonċernat jew fuq xi bażi legali oħra, skont l-Artikoli 6 u 9 tar-Regolament (UE) 2016/679.

(e) *L-awditabbiltà*

Kull ipproċessar tad-*data* dwar is-saħħa jenħtieġ ikun irreġistrat u verifikat għal finijiet ta' awditjar, permezz ta' tekniki xierqa, fosthom ir-reġistrazzjoni f'logs u t-traċċar tal-awditjar, biex jinżamm rekord preċiż tal-aċċess tar-rekords elettroniċi, l-iskambju tagħhom jew kwalunkwe operazzjoni tal-ipproċessar oħra.

(f) *Is-sigurtà*

B'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u mad-Direttiva (UE) 2016/1148, jenħtieġ jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex ikun żgurat li s-sistemi tar-rekords elettroniċi tas-saħħa jkunu siguri. Dawk il-miżuri jenħtieġ jinkludu l-protezzjoni kontra l-ipproċessar mhux awtorizzat jew illegali ta' *data* dwar is-saħħa u kontra t-telf aċċidentali, il-qerda jew il-ħsara. L-entitajiet li jiskambjaw ir-rekords elettroniċi tas-saħħa jenħtieġ jiżguraw li l-persunal li juża s-sistemi tar-rekords elettroniċi tas-saħħa jkun jaf bir-riskji taċ-ċibersigurtà u jkun imħarreġ sew.

(g) *Identifikazzjoni u awtentikazzjoni*

Hu importanti li jsiru identifikazzjoni u awtentikazzjoni sodi u affidabbli tal-partijiet involuti kollha biex tkun żgurata l-fiducia fl-iskambji tad-*data* bejn is-sistemi tar-rekords elettroniċi tas-saħħa.

L-użu tal-identifikazzjonijiet elettroniċi ("eID") nazzjonali notifikati jappoġġa l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni transfruntieri taċ-ċittadini biex jaċċessaw id-*data* dwar is-saħħa tagħhom b'mod għalkollox sigur u konvenjenti, kif ukoll "il-prinċipju tan-nonripudju" li jiżgura l-oriġini u l-integrità ta' din id-*data*. B'rikonoxximent reċiproku ta' skemi tal-identifikazzjonijiet elettroniċi nazzjonali, kif previst fir-Regolament (UE)

⁽¹⁾ Kif definit fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

Nru 910/2014, iċ-ċittadini ta' Stat Membru wieħed jistgħu jużaw l-identifikazzjonijiet elettroniċi nazzjonali tagħhom biex jaċċessaw servizzi online b'mod sigur li jingħatawlihom fi Stat Membru ieħor. B'konformità mal-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament, is-servizzi pubbliċi online li jeħtieġu assigurazzjoni tal-identifikazzjoni elettronika li tkun tikkorrispondi għal ċertu livell ("sostanzjali" jew "għoli") għandhom jaċċettaw l-iskemi tal-identifikazzjonijiet elettroniċi notifikati ta' Stati Membri oħra.

(h) *Il-kontinwità tas-servizzi*

Il-kontinwità u d-disponibbiltà tas-servizz tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa huma essenzjali biex tkun żgurata l-kontinwità tal-kura. Jenħtieġ li kwalunkwe inċident jew intopp li jistgħu jinqalgħu tul l-użu tas-servizz jiġu indirizzati fil-pront skont il-pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju definiti.

2. **Bażi għal format tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa Ewropej: dominji tal-informazzjoni tas-saħħa u speċifikazzjonijiet għall-iskambju transfruntier tar-rekords elettroniċi tas-saħħa**

Il-bażi għall-format ta' skambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa Ewropej jenħtieġ tkun tinkludi d-dominji tal-informazzjoni tas-saħħa u l-ispeċifikazzjonijiet tal-interoperabbiltà (inkluż standards, u profili ⁽²⁾) imsemmija hawn taħt għar-rappreżentazzjoni u għall-iskambju ta' *data* (strutturata u mhux strutturata) dwar is-saħħa.

Din il-bażi jenħtieġ tiġi rfinuta u estiża aktar tul proċess ta' koordinazzjoni konġunta. Hemm bosta standards internazzjonali, speċifikazzjonijiet u profili addizzjonali li qed jiġu żviluppati bħalissa jew li qed jiġu riveduti jew li jinsabu fil-fażi ta' implimentazzjoni bi prova, u dawn jenħtieġ jitqiesu biex ikompli jiġi żviluppat aktar format tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa Ewropej.

2.1. *Dominji tal-informazzjoni tas-saħħa għal skambju transfruntier*

Jenħtieġ li s-sett inizjali tad-dominji tal-informazzjoni tas-saħħa għall-iskambju transfruntier ikun jinkludu dawn li ġejjin:

- (i) Sommarji tal-Pazjenti ⁽³⁾
- (ii) Preskrizzjonijiet elettroniċi/Dispensi elettroniċi ⁽⁴⁾
- (iii) Rapporti tal-laboratorju
- (iv) Immaġnijiet u rapporti mediċi
- (v) Rapporti ta' ħruġ mill-isptar

Dawn id-dominji tal-informazzjoni tas-saħħa ngħataw priorità fl-allinjament mal-prijoritajiet stabbiliti tan-Netwerk tas-Servizzi tas-Saħħa Elettroniċi, abbażi ta' ħidma li qed issir permezz tal-Infrastruttura Ewropea ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa Elettronika u rr-ilevanza klinika għal kura tas-saħħa transfruntiera.

2.2. *Speċifikazzjonijiet tal-interoperabbiltà*

It-Tabelli A u B fihom sett ta' speċifikazzjonijiet tal-interoperabbiltà rakkomandati għall-istrutturar u r-rappreżentazzjoni tal-kontenut.

2.2.1. It-Tabella A: L-istrutturar u r-rappreżentazzjoni tal-kontenut għad-dominji tal-kura tas-saħħa li għalihom in-Netwerk tas-Servizzi tas-Saħħa Elettroniċi adotta linji gwida

Dominji tal-informazzjoni tas-saħħa	Informazzjoni klinika għal skambju transfruntier	Rappreżentazzjoni tal-kontenut għal skambju transfruntier
Sommarju tal-Pazjent	Strutturat skont id-dispożizzjonijiet tal-"GUIDE-LINE on the electronic exchange of health data under Cross-Border Directive 2011/24/EU Release 2 – Patient Summary for unscheduled care" adottata min-Netwerk tas-Servizzi tas-Saħħa Elettroniċi fil-21 ta' Novembru 2016 ⁽¹⁾	Health Level Seven (HL7) Clinical Document Architecture (CDA) Ħarġa Nru 2 ⁽²⁾ Livell 3 u Livell 1 (PDF ⁽³⁾) /A)

⁽²⁾ Il-mod kif l-istandards jistgħu jiġu implimentati biex jissodisfaw bżonnijiet kliniċi speċifiċi.

⁽³⁾ https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/ehealth/docs/ev_20161121_co10_en.pdf

⁽⁴⁾ https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/ehealth/docs/ev_20161121_co091_en.pdf

Dominji tal-informazzjoni tas-saħħa	Informazzjoni klinika għal skambju transfruntier	Rappreżentazzjoni tal-kontenut għal skambju transfruntier
Preskrizzjoni elettronika/Dispensi elettroniċi	Strutturati skont id-dispożizzjonijiet fil-“GUIDE-LINE on the electronic exchange of health data under Cross-Border Directive 2011/24/EU Release 2 – Preskrizzjonijiet-e u Dispensi-e” adottata min-Netwerk tas-Servizzi tas-Saħħa Elettroniċi fil-21 ta' Novembru 2016 ⁽⁴⁾	Health Level Seven (HL7) Clinical Document Architecture (CDA) Hargha Nru 2 Livell 3 u Livell 1 (PDF ⁽³⁾)/A

⁽¹⁾ https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/ehealth/docs/ev_20161121_co10_en.pdf
⁽²⁾ http://www.hl7.org/implement/standards/product_brief.cfm?product_id=7
⁽³⁾ Portable Document Format.
⁽⁴⁾ https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/ehealth/docs/ev_20161121_co091_en.pdf

2.2.2. It-Tabella B: L-istrutturar u r-rappreżentazzjoni tal-kontenut għal dominji tal-informazzjoni tas-saħħa oħrajn

Dominju tal-informazzjoni tas-saħħa	Informazzjoni klinika għal skambju transfruntier	Rappreżentazzjoni tal-kontenut għal skambju transfruntier
Riżultati tal-laboratorju	Il-permessibbiltà tal-iskambju transfruntier skont l-istruttura tal-informazzjoni klinika użata bħalissa mis-sistema tar-rekords elettroniċi tas-saħħa li tibgħat, filwaqt li jiġu żviluppati u maqbula strutturi komuni tal-informazzjoni klinika għall-iskambju transfruntier.	Għar-riżultati tal-laboratorju, għall-immaġnijiet u rapporti mediċi, u għar-rapporti ta' ħruġ mill-isptar
Immaġnijiet u rapporti mediċi		Health Level Seven (HL7) Clinical Document Architecture (CDA) Hargha Nru 2
Rapporti ta' ħruġ mill-isptar		Livell 3 jew Livell 1 (PDF ⁽¹⁾)/A Għal immaġnijiet mediċi Immaġnijiet Diġitali u Komunikazzjoni fil-Mediċina (DICOM)

⁽¹⁾ Portable Document Format.

2.2.3. Profili tal-iskambju transfruntier

Jenħtieġ li l-użu tal-profilu rilevanti ta' "Integrating the Healthcare Enterprise" (IHE) li hemm imniżżla fl-Anness tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1302 jitqies kif xieraq biex jiġi ffaċilitat l-iskambju tad-dominji tal-informazzjoni tal-kura tas-saħħa bejn il-pajjiżi.

Fost l-oħrajn, daww il-profilu tal-"Integrating the Healthcare Enterprise" jistgħu jintużaw għall-identifikazzjoni tal-pazjenti, għall-iskambju tad-dokumenti, għat-traċċar tal-awditjar u għall-pretensjonijiet tal-identità.

Jenħtieġ li l-proċess ta' koordinazzjoni konġunta jqis ukoll profili oħrajn tal-"Integrating the Healthcare Enterprise" li bħalissa jinsabu fl-istadju tal-prova, jew kwalunkwe standard jew speċifikazzjoni oħra meħtieġa biex jiġu indirizzati r-rekwiżiti għall-iskambju sigur tad-data dwar is-saħħa, kif ukoll ta' tipi oħrajn ta' mudelli għall-iskambju tal-messaġġi.

3. Xogħol futur

L-għan huwa li titwassal id-data t-tajba, fil-ħin it-tajeb — għaċ-ċittadini u għall-fornituri tal-kura tas-saħħa - u jkun permessi aċċess, kondivizzjoni u skambju siguri tar-rekords tas-saħħa elettroniċi.

Bħala tali, il-ħidma għal skambju transfruntier komprensiv tar-rekords elettroniċi tas-saħħa fambjent konness li qed jinbidel malajr teħtieġ rieżami regolari tal-aħħar innovazzjonijiet teknoloġiċi u metodoloġiċi għall-ġestjoni tad-data, fosthom daww relatati mal-aċċess u l-ingranaġġ ta' infrastrutturi teknoloġiċi avvanzati.

Jenħtieġ li l-irfinar tal-format tal-iskambju jqis il-possibbiltà li joffru l-mudelli tal-informazzjoni bbażati fuq ir-riżorsi (bħalma huma l-Health Level Seven Fast Healthcare Interoperability Resources (HL7 FHIR⁽²⁾)).

⁽²⁾ <http://hl7.org/fhir/>

Għal aktar progress, jenħtieġ isir rieżami ta' approċċi ġodda għall-ispeċifikazzjonijiet tal-interoperabbiltà, bħal Interfaċċi għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet ("API"s) rilevanti u l-iżviluppi fit-teknoloġiji diġitali bħall-intelliġenza artifiċjali, il-cloud computing, it-teknoloġiji ta' interazzjoni, il-komputazzjoni ta' prestazzjoni għolja u s-soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà. L-evoluzzjoni f'teknoloġiji oħra bħat-teknoloġiji tar-reġistru distribwit, jista' jkollha l-potenzjal li żżid il-fiduċja fost iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa, diment li din tkun konformi mar-regoli tal-protezzjoni tad-*data* personali.

Jenħtieġ li t-teknoloġiji msemmija hawn fuq titqies ħalli tiġi appoġġata l-innovazzjoni fil-forniment tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, u jiġu offruti possibbiltajiet ġodda li jindirizzaw kwistjonijiet bħall-provenjenza tad-*data* dwar is-saħħa, u l-assigurazzjoni tal-integrità awtomatizzata.
